**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 349/2020 RM**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Mario Xiberras)**

**-Vs-**

**KURT ZAMMIT**

**Illum, 13 ta' Ġunju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **KURT ZAMMIT** ta' 18-il sena iben Ruben Zammit u Mignon Zahra mwieled Pieta fi 23 ta' Ottubru 2001 u Residenti Blk G Unit 1, F1 7 Triq Guże' D'Amato, Paola; detentur ta' l-identita' 0424101L, li tressaq quddiemha akkużat:-

1. Talli nhar l-20 ta' Lulju 2020, għall-ħabta ta' 15:20 hrs ġewwa Pembroke, limiti ta' San Giljan, u/jew ġewwa il-viċinanzi ikkommetta serq ta' mowbajl, arloġġ tal-marka sector, basket tal-għamla nike u xi oġġetti oħra, li l-valur tagħhom mhux

iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tlettin ċenteżmu (2,329.37) liema serq hu kwalifikat bil- vjolenza, mezz, bil-lok, bil- valur u li sar għad- dannu ta' Joseph Galea u/jew ta' persuni oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il- liġi ta' l-Awtorita kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il- liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Joseph Galea kontra l-volonta tiegħu u dan bil- ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun mġiegħel jaċċeta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu.

3. U aktar talli fl-istess, data, ħin lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobli u ċioe għamel ħsara fuq mowbajl tal-għamla Samsung liema ħsarat huma ta' anqas minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250) għad-dannu ta' Joseph Galea u/jew ta' persuni oħra.

4. Talli fl-istess data lok, ħin u ċirkostanzi fil-waqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna jew ta' serq jew ħsara fil-propjeta, kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari (BB Gun) jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l- oġġetti.

5. U aktar talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi, ma obdhiex 1- ordnijiet leġittimi tal-Pulizija jew ma ħallhiex jew fixxkel waqt li l-Pulizija kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom.

6. U aktar talli fl-istess data u lok għall- ħabta ta' 17:30 hrs f' dawn il- Gżejjer saq vettura bil-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni DEM329 tal-għamla BMW b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont.

7. U aktar talli fl-istess data għall-ħabta ta' 17:30 hrs f' dawn il- Gżejjer saq il-vettura bil-mutur bi numru tar-reġistrazzjoni DEM329 tal-għamla BMW mingħajr il-liċenżja tas-sewqan maħruġa minn awtorita Regolatorja.

8. U aktar talli fl-istess data għall- ħabta ta' 17:30 hrs f' dawn il- Gżejjer saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kien kopert b' polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta terzi persuni.

9. U aktar talli fl-istess data, ħin u lok għall- ħabta ta' 17:30 hrs f dawn il- Gżejjer saq l-imsemmija vettura b'ġiri aktar milli jmissu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-corpus delicti, armi u/jew għodod oħra li ntużaw waqt id-delitt ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il- piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384,385 u 412 C tal-Kap 9 tal- liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali[1] ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha;

[1] Fol. 14 – Dok. MX5.

Rat ir-rapport ippreżentat mill-Uffiċjal tal-Probation Mary Anne Zammit (Dok. MZ1) fl-20 ta' Jannar 2021;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputat fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2022;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jigi mixli b'serq aggravat kif ukoll bi ħsara volontarja għad-dannu ta' Joseph Grech u jew ta' persuni oħra kif ukoll bir-reat taħt l-Artikolu 83 tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-istess Joseph Grech. Mixli wkoll li kkommetta dawn ir-reati meta kellu fil-pussess tiegħu arma regolari u b'diversi reati taħt l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) u reati kontravvenzjonali ilkoll marbutin ma' inċident li seħħ fl-20 ta' Lulju 2020 ġewwa Pembroke, limiti ta' San Ġiljan.

**Provi Saljenti**

Joseph Galea xehed illi nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020 għall-ħabta tat-2.45 pm mar il-baħar, Pembroke, flimkien ma' ħabib tiegħu Sergio Ferrari u kien hemm żewġt iħbieb oħra tiegħu. Niżlu jgħumu iżda hu tela' mill-ewwel u qagħad fuq blat, f'liema waqt ra żewġ persuni "*lebsin qishom Għarab, b'wiċċhom mgħotti*" ġew jiġru lejh. Wieħed minnhom li kien wiċċu mgħammad b'xalla griża, bl-istripes irqaq, beda jgħajjat u avviċinah, ħareġ pistola u ppontaha ma' rasu. Waqt li kien qed jitkellem, niżlitlu x-xalla u deher wiċċu u x-xhud ra li kellu "*għajnejh naqra zġħira mġebbdin*" u kellu wkoll piercing fl-eyebrow tax-xellug filwaqt li ħalqu kien qed jitriegħed. Dak il-ħin din il-persuna ikkarga l-pistola u qallu "*tini twenty Euros (€20)*" iżda huwa wieġbu ma setax itih il-flus peress li kien għadu tiela' mill-baħar. Fil-pront, hekk kif raw lil sieħbu beda tiela' mill-baħar fuq il-blat, iż-żewġ persuni ħarbu jiġru iżda laħqu ħadulu l-baskett li fih Joseph Galea kellu ċirka €20, flokk, mobile tat-tip Samsung S8+,

arloġġ Sector u ċavetta tal-karozza Fiat. Għalkemm hu u sieħbu ppruvaw jiġru warajhom, dawn iż-żewġ persuni laħqu telqu minn fuq il-post. Joseph Galea għaraf lill-imputat Kurt Zammit bħala l-persuna li ppontalu l-arma ma' wiċċu u għaraf ukoll din l-arma bħala l-arma esebita fl-atti bħala Dok. G9 (Numru tal-Esebit KA 225/2020).

Mix-xhieda tal-Ispettur Mario Xiberras jirriżulta wkoll li l-vittma. Joseph Galea, kien għaraf lill-imputat bħala l-aggressur tiegħu, minn fost sett ta' diversi ritratti ta' persuni li ġew murija lilu Dok G 7 ( a fol 41)

Pierre Callus u Mario Galea, entrambi xhieda okulari tal-inċidenti, ikkonfermaw fix-xhieda tagħhom[2] illi huma raw żewġ persuni li avviċinaw lill grupp tagħhom, li kellhom wiċċhom mgħammad u raw li wieħed minnhom ħareġ pistola u ppuntaha fid-direzzjoni ta' Joseph Galea u wara qabdu baskett u telqu jiġru bih.

Dylan Micallef, il-kompliċi tal-imputat odjern fis-serqa in dizamina, xehed f'dawn il-proċeduri wara li ġie debitament proċessat għal dan ir-reat u tpoġġa taħt Ordni ta' Probation kif ukoll Ordni ta' Trattament permezz ta' sentenza li ngħatat minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Settembru 2020. Hu xehed illi fiż-żmien meta twettqet is-serqa, fis-sajf tal-2020, kien qiegħed joqgħod mal-imputat ġo karavann Baħar iċ-Ċagħaq. Dakinhar huma ma kellhomx flus u riedu jixtru d-droga sintetika u Kurt ivvinta li jisirqu xi baskett u għalhekk tgħammdu bil-hoodies u bix-xugamani u Kurt ġab revolver BB gun. Sabu żewġ persuni fuq il-blat ħdejn il-baħar u Kurt ħareġ il-pistola minn ġo ħwejġu u qalilhom biex ituh xi ħaġa filwaqt li pponta l-arma lejn il-vittmi. Ikkonferma li l-vittmi beżgħu iżda meta raw persuna oħra tiela' mill-baħar u javviċinahom, hu u Kurt telqu jiġru. Dak il-ħin, Kurt qabad baskett u tahulu u qallu biex jiġri bih. Huma baqgħu jiġru fit-triq lejn il-karavann u battlu l-affarijiet minn ġol-baskett. Ix-xhud ikkonferma li hu kisser il-mobile li kien hemm fil-baskett billi tefgħu mal-art u waddab ġebla fuqu. Qal li fil-baskett kien hemm ukoll ċavetta, beritta, sun block, liema affarijiet huwa waddabhom fil-qasab u marru l-Ħamrun jixtru

[2] Xhieda tad-19 ta' Novembru 2020.

droga sintetika bil-karozza BMW li kien qed tinstaq mill-imputat. Ikkonferma li meta l-Pulizija waqqfuhom, Kurt beda jsuq bis-saħħa. Għaraf il-vettura li kien qed isuq l-imputat dak il-ħin, kif ukoll il-pistola li uża waqt is-serqa, bħala l-vettura u l-pistola li jidhru fir-ritratti esebiti fl-atti[3].

Mid-dokumenti esebiti minn Joseph Galea, jirriżulta li t-telefon ċellulari li nsteraq mill-imputat inxtara fl-2017 għall-prezz komplessiv ta' £338.99 (Dok. JG5), filwaqt illi nefaq is-somma ta' €372 biex jikseb ċavetta ġdid tal-karozza tiegħu (Dok. JG4)[4]. L-arloġġ, li kien rigal, għandu valur ta' €199. Dawn l-oġġetti misruqa, ħlief għall-għatu tat-telefon ċellulari, baqgħu ma nstabux[5].

Mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni jirriżulta wkoll illi l-Pulizija tar-Rapid Intervention Unit u mit-Taqsima tar-Reati Maġġuri waslu fuq il-post minnufih biex ifittxu liż-żewġ aggressuri u dan wara li l-vittma Joseph Galea tahom deskrizzjoni ta' wieħed mill-aggressuri li kellu l-arma, bħala persuna li kellu *piercing* fuq l-*eyebrow* tax-xellug u li kellu għajnejh "*forma ta' Ċiniz*". L-Ispettur Mario Xiberras xehed illi meta kienu qed iduru fiż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq ifittxu lill-aggressuri, huwa nnota ġuvni li kien qed isuq BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni DEM-339 griża fejn ix-xufier tagħha kien jixbaħ lid-deskrizzjoni li tahom il-vittma Joseph Galea għaliex osserva li kellu *piercing* fuq l-*eyebrow* fuq in-naħa tax-xellug u osserva wkoll li għajnejh kienu forma ta' lewża.

PC 1191 Jonathan Galea, li kien qed isuq il-vettura tal-Pulizija fit-tfittxija għall-persuni li wettqu din is-serqa, xehed[6] illi dak il-ħin huwa xegħel il-beacon lights, daqq l-airhorn u għamel sinjal lix-xufier biex waqqaf il-vettura, iżda minflok waqaf, mix-xhieda jirriżulta li x-xufier żied il-veloċita' u beda jsuq b'mod perikoluż biex jevitahom, u dan f'żona fejn hemm il-kiosks f'Baħar iċ-Ċagħaq fejn kien hemm ħafna persuni għaddejjin bir-riġel. Ix-xhud qal li x-xufier ta' din il-vettura baqa' jsuq għal

[3] Fol. 37 sa 40.
[4] Din ir-riċevuta ġiet ikkonfermata minn rapprezentant ta' Motors Inc. Li xehed fid-29 ta' Settembru 2021.
[5] Ara xhieda ta' PC1191 Jonathan Galea, 22 ta' Ottubru 2020.
[6] Ara xhieda tal-Ispettur Mario Xiberras u ta' PS 90 Jeffrey Gerada, 10 ta' Awwissu 2020.

ġon-nies. Il-Pulizija segwew din il-vettura li mbagħad waqfet fejn il-boathouses u ż-żewġ persuni li kienu fil-vettura ħarbu jiġru. Wara ftit sekondi, ix-xufier tal-vettura, li ntgħaraf għaliex kien liebes l-istess ħwejjeġ bħal qabel, mar lura lejn il-Pulizija flimkien ma' missieru, fejn ġie arrestat.

L-imputat Kurt Zammit ma xehedx quddiem il-Qorti iżda waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija in konnessjoni ma' dan il-każ, fil-21 ta' Lulju 2020 irrilaxxa stqarrija awdjo-viżwali wara li rrinunzja għad-dritt tal-assistenza legali fejn stqarr li l-ġurnata ta' qabel huwa kien ma' ħabib tiegħu Dylan Micallef u għall-ħabta tas-1.30 p.m. jew 2.00 p.m. ħarġu mill-karavann ta' missieru biex ifittxu ftit flus biex jixtru sustanzi illegali u marru fejn it-torri ta' Baħar iċ-Ċagħaq fejn raw xi persuni jgħumu u raw kif jipprovaw jiddobbaw xi ħaġa tal-flus. Qal li hu libes flokk ma' rasu u t-tnejn li huma għattew wiċċhom b'xi ħwejjeġ u u avviċinaw lil dawn il-persuni u wieħed minnhom baqa' jħares lejh u qallu "*trouble ħa jkollok jekk ħa tibqa' tħares*" u mbagħad ħareġ BB gun mhux ikkargat li kien ġabu mill-karavann tiegħu, ippuntah lejn il-persuna u qallu "*intihulek jien biex tkun taf, tini għaxar euro*". L-imputat qal li dak il-ħin sab baskett fuq il-blat, qabdu u tah lil sieħbu Dylan u bdew jaħarbu. Sieħbu qagħad ifittex fil-baskett u ħareġ arloġġ mill-baskett u ħeba l-affarijiet l-oħra li kien hemm fil-baskett ħdejn il-karavann filwaqt li ħadu l-flus madwar €20. Marru fejn il-karavann ta' missieru u l-mobile sabbtu iżda rnexxilu biss ikisser il-ħġieġ u kien sieħbu Dylan li kisser dan il-mobile, ħbieh u ħeba wkoll l-affarijiet li kien hemm fil-baskett. Hu stqarr li għamel hekk biex il-mobile ma jiġix rintraċċat. Minn hemmhekk mar flimkien ma' Dylan b'karozza BMW DEM-329 biex jixtru s-sostanza illegali bil-flus li sabu fil-baskett, fejn induna bil-Pulizija. L-imputat stqarr li dak il-ħin huwa qabbdu ħass ħażin u telqitlu s-saħħa u storda. Hu ammetta waqt l-istqarrija li kien qed isuq karozza wara li kkometta s-serqa iżda ma wieġebx għad-domanda jekk għandux liċenzja tas-sewqan. L-imputat stqarr ukoll li iddispaċih ħafna tar-reat li kkommetta u xtaq jiskuża ruħu mal-vittma u jikkumpensah għall-ħsara li għamel.

Ikkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi u x-xhieda, ftit jista' jkun hemm dubju li l-imputat wettaq is-serqa li ġie mixli biha fl-ewwel imputazzjoni. L-imputat Kurt Zammit ġie deskritt mill-vittma Joseph Galea b'referenza għall-fattizzi partikolari tal-forma ta' għajnejh u l-*piercing* fuq l-*eyebrow* tax-xellug, u b'din id-deskrizzjoni huwa ġie identifikat ftit tal-ħin wara biss mill-Pulizija fl-istess akkwati. Fuq kollox, l-imputat ammetta huwa stess fl-istqarrija li kien proprju hu li seraq baskett u li dan il-baskett kien fih fost oġġetti oħrajn, arloġġ, flus kontanti u mobile phone. Huwa wkoll sodisfaċjentement ippruvat li l-valur ta' dawn l-oġġetti, komplessivament, filwaqt li jeċċedi s-somma ta' €232.94 għall-finijiet tal-Artikolu 267 tal-Kap. 9, ma jissuperax is-somma ta' €2,329.37 u għalhekk huwa kwalifikat bil-valur a tenur tal-Artikoli 267 u 279(a) tal-Kap. 9.

Kwantu għall-kwalifika tal-mezz, il-vittma Joseph Galea u x-xiehda okulari li xehdu quddiem il-Qorti, fissru kif iż-żewġ aggressuri fil-waqt tas-serqa kienu mgħammdin u kellhom wiċċhom mgħotti bil-ħwejjeġ. Dan ġie konfermat mill-kompliċi Dylan Micallef u wkoll mistqarr mill-imputat innifsu li fl-interrogazzjoni awdjo-viżwali fisser il-mod kif fil-ħin tas-serqa huma kienu lebsin flokk fuq rashom imdawwar b'mod li jħallu jidher biss għajnejhom. Huwa għalhekk indiskuss li l-imputat kien fil-fatt għatta parti sostanzjali minn wiccu bl-intendiment li ma jintgharafx u l-fatt li din l-għata f'xi waqt inħallet jew tniżżlet b'mod li ħalqu ġie mikxuf, ma jibdel xejn mill-fatt illi huwa libes għata tal-wiċċ biex jikkommetti s-serqa. Dan kollu magħdud huwa biżżejjed biex jitqies bħala prova tal-kwalifika tal-mezz a tenur tal-Artikolu 263(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-provi huma konkordanti u huwa wkoll ammess mill-imputat fl-istqarrjia tiegħu, li huwa ppreżenta ruħu armat biex iwettaq is-serqa u dan billi ġarr fuq il-persuna tiegħu arma tat-tip BB gun, liema arma huwa ħariġha u ppontaha lejn il-vittma. Filwaqt li Joseph Galea xehed li l-arma ġiet ippontata ma' rasu, l-imputat stqarr li huwa kien ftit 'il bogħod mill-vittma u li l-arma ppuntaha lejn sidru. F'kull każ iżda, l-imputat innifsu ammetta bla tlaqliq li huwa hedded lill-vittma fil-waqt tas-serqa meta qallu "*trouble ħa jkollok jekk ħa tibqa' tħares*" u meta dak il-ħin ħareġ il-BB gun, ippuntah

lejn il-vittma u qallu "*intihulek jien biex tkun taf, tini għaxar euro*". Dan fil-fehma tal-Qorti mhi xejn għajr ammissjoni li s-serq ġie imwettaq bil-vjolenza għaliex sar ma' theddid skont kif imfisser fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 262 tal-Kap. 9 kif ukoll għaliex il-ħalliel, ċioe' l-imputat, ippreżenta ruħu armat a tenur tal-paragrafu (b) tal-istess Artikolu 262.

Huwa minnu li l-arma li uża l-imputat fit-twettiq tas-serqa, m'hijiex arma regolari fit-tifsira tal-Artikolu 64(1) tal-Kap. 9 iżda mhux meħtieġ li biex is-serq ikun kwalifikat bil-vjolenza, il-ħalliel ikun armat b'arma regolari. Fil-fehma tal-Qorti, huwa biżżejjed li l-ħalliel jippreżenta ruħu armat b'xi arma, strument jew għodda li jiġu użati jew jiġi mhedded li jintużaw minnu fil-waqt tat-twettiq tas-serq jew minnufih wara jew qabel. Għaldaqstant, il-kwalifika tal-vjolenza ġiet ippruvata pjenament f'dan il-każ.

In kwantu għall-aggravju tal-lok, il-Qorti mhijiex sodisfatta li s-serq in diżamina twettaq f'xi lok minn dawk imsemmija fl-Artikolu 269 tal-Kap. 9. Huwa stabbilit mill-provi li s-serqa ġiet kommessa fuq il-blat ħdejn il-baħar ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq u mhux fi triq pubblika fil-kampanja. Huwa minnu li l-post tas-serq huwa barra mill-abitat, iżda dan mhux bizzejjed waħdu għas-suċċess tal-prova ta' din il-kwalifika għaliex il-liġi teħtieġ speċifikatament li s-serq jiġi kommess ukoll fi triq pubblika u fil-kampanja, kumulattivament u f'dan il-każ hu evidenti li dawn ir-rekwiżiti m'humiex sodisfatti.

Ikkunsidrat;

It-tieni imputazzjoni taddebita lill-imputat ir-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi taħt l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali, bl-aggravanti taħt il-paragrafu (e) tal-Artikolu 87 fejn il-piena tiżdied f'każ li d-delitt ikun sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra.

Sabiex jissussisti r-reat tas-sekwestru tal-persuna huwa biżżejjed illi tirriżulta xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-Artikolu 86 tal-Kap. 9 u ċioe` l-arrest, jew iz-

zamma jew is-sekwestru tal-persuna kontra l-volonta tagħha, u dan mingħajr ordni skont il-liġi tal-awtorita` kompetenti[7]. Il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu[8] jgħid hekk dwar l-element materjali tar-reat in diżamina:-

*"... the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323) ... Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.*"[9]

Illi l-interpretazzjoni li dejjem ingħatat mill-ġurisprudenza nostrana f'din il-materja hija waħda pjuttost wiesgħa fis-sens illi mhux neċessarjament irid jirrizulta li persuna nżammet imsakkra go post jew marbuta ma' xi siġġu biex is-sekwestru jirriżulta. Fil-fatt, jekk jirrizulta li l-vittma tas-sekwestru kienet inkapaċi b'mod assolut li tagħmel dak li trid u dan kontra r-rieda tagħha, hemmhekk jirrizulta r-reat kontemplat taht l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Maino, fil-ktieb tiegħu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-Artikolu 146 li huwa simili għall-Artikolu 86 fil-Kodiċi Kriminali tagħna, billi jghid[10]:

"*Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vitma ogni possibilita di scampo o di soccorso*".

Min-naħa tiegħu, Antolisei, fil-ktieb tiegħu Manuale di Diritto Penale[11] jgħid:

---

[7] **Il-Pulizija vs Christopher Ellul** – Qorti tal-Appell Kriminali (Inf.), deciz fis-7 ta' Mejju 2001.
[8] *Notes on Criminal Law* [1953 edit.] [Part. II p. 40].
[9] **Il-Pulizija vs Mohamed Elbozidi** – Qorti tal-Appell Kriminali (Inf.), deciz fid-19 ta' Frar 2004. Ara wkoll **Il-Pulizija (Sp. Jesmond Borg) vs Joanne Ellul** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciz fit-28 ta' Frar 2018.
[10] Fol 112 para. 788; Vol II.
[11] Ediz. 1977; pg. 134.

"*Le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta non e` totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E' necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.*"

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-kaz in dizamina, il-Qorti ma tirravviżax l-estremi tar-reat taħt l-Artikolu 86 tal-Kap. 9. Il-Qorti tqis - billi huwa eskluż li kien hemm 'arrest' jew 'sekwestru' – li ż-żamma tal-vittma Joseph Galea f'dan il-każ kien fugaċi wisq sabiex jissusisti ir-reat. Huwa minnu li huwa xehed li l-imputat ipponta l-pistola li kellu f'idu, lejn rasu, iżda fl-ebda mument ma xehed li huwa kien miżmum jew kien prekluż milli jiżgiċċa jew jitlaq minn fuq il-post. Kemm hu hekk, minn din ix-xhieda kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat, il-Qorti fehmet li l-episodju kollu seħħ f'temp ta' ftit sekondi u ma jirrizultax li in effetti l-vittma kien issekwestrat u li ma setax jitlaq liberament.

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati li ssekwestra lil Joseph Galea kontra l-volonta' tiegħu għall-finijiet tal-Artikolu 86 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

L-imputat innifsu stqarr li huwa pprova jkisser il-mobile li nstab fil-baskett li huwa seraq iżda rnexxielu jkisser biss il-ħġieġ tal-mobile. In segwitu, dan il-mobile tkisser mill-kompliċi tiegħu Dylan Micallef. Madanakollu, il-fatt li l-imputat ammetta li huwa kisser il-ħġieġ tal-mobile deliberatament u bil-ħsieb li dan id-device ma jiġix rintraċċjat, huwa biżżejjed biex f'dan l-aġir jiġi ravviżat ir-reat ta' ħsara volontarja. Jirriżulta wkoll mill-provi dokumentarji fl-atti illi dan it-telefon ċellulari kien inxtara bi prezz li jissupera s-somma ta' €250[12] kif prospettat fl-Artikolu 325(b) tal-Kap. 9 iżda li ma jeċċedix is-somma ta' €2,500.

[12] Ara Dok. JG3, fol. 51.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli wkoll bir-reat taħt l-Artikolu 55(a) tal-Att dwar l-Armi. Dan jipprovdi li salv kull dispożizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali li tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' armi tan-nar, hu ħati ta' dan ir-reat kull min:-

*(a) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà (minbarra ħsara involontarja fil-proprjetà); jew*
*(b) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt,*

*ikollu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti...."*

Issa diġa' ġie stabbilit illi l-arma li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu waqt li kien qed jikkommetti r-reat ta' serq aggravat, kienet BB gun u li din l-arma ma tistax titqies bħala arma regolari għall-finijiet tal-Artiklu 64(1) tal-Kodiċi Kriminali iżda fiċ-ċirkostanzi tiffigura fid-definizzjoni ta' arma irregolari. Madanakollu, għad illi l-arma tal-imputat, li hija esebita fl-atti, tista' tinxtara mill-ħwienet tal-ġugarelli mingħajr il-ħtieġa ta' ebda liċenzja, hija l-fehma tal-Qorti li din hija tassew "*imitazzjoni*" ta' arma regolari, kif maħsub fl-Artikolu 55 tal-Kap. 480 għaliex id-daqs u s-sura tagħha hija simili ħafna għal arma regolari. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti, din l-arma tista' titqies bħala imitazzjoni ta' arma tan-nar għall-fini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 480, liema arma l-imputat kien qed iġorr fuq il-persuna tiegħu waqt li kien qed jagħmel ir-reat ta' serq mertu tal-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija li kienu involuti fis-segwiment u l-arrest tal-imputat bħala l-aggressur ta' Joseph Galea, wara li huwa ġie identifikat mill-Ispettur

Mario Xiberras bħala s-sewwieq tal-vettura BMW bin-numru ta' reġistrazzjni DEM-329, il-Qorti fehmet illi għalkemm ingħata ordni biex jieqaf billi nxtegħlet is-sirena u l-beacon, l-imputat minflok waqaf, żied il-veloċita' biex jevita lill-Pulizija u beda jsuq bis-saħħa għal ġon-nies f'żona fejn kien hemm il-gabbani u ħafna persuni għaddejjin bir-riġel. Għall-kompletezza, għandu jingħad ukoll li l-prova li kien effettivament l-imputat Kurt Zammit li kien qed isuq il-vettura DEM-329 fid-data u l-ħin in kwistjoni, saret ukoll bl-ammissjoni tal-imputat waqt l-istqarrija.

Dawn il-provi ma ġewx kuntrastati bl-ebda mod u għall-Qorti iwasslu għal dik is-suffiċjenza probatorja li tikkonvinċiha moralment dwar il-ħtija tal-imputat għar-reat kontravvenzjonali fil-ħames imputazzjoni, taħt l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9, ċioe' li ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija kif ukoll, il-ħtija tiegħu għad-delitt taħt l-Artikolu 15 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) ċioe' li huwa saq il-vettura BMW bin-numru ta' reġistrazzjni DEM-329 b'manjiera traskurata, perikoluż u bla kont.

Il-konklużjoni tal-aħħar il-Qorti waslet għaliha wkoll speċifikatament wara li kkunsidrat l-elementi li jikkostitwixxu perikolu fis-sewqan jew sewqan bla kont. Dawn huma ben stabbiliti fis-sistema guridika taghna: fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997[13] , intqal hekk:-

"*Sewqan bla kont hu deskritt ... bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-*

---

[13] 13 Vol. LXXXI.iv.157.

*perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]* »

Miżmum ferm ix-xhieda senjatament tas-Surġent Jeffrey Gerada u PC 1191 Jonathan Galea, il-Qorti hija konvinta li s-sewqan li ġie deskritt minn dawn ix-xhieda okulari bħala sewqan bis-saħħa, minn ġo qalb diversi persuni għaddejjin bir-riġel, jiffigura bħala sewqan mhux biss bla kont iżda wieħed manifestament perikoluż u għalhekk l-imputat għandu jinstab ħati tas-sitt akkuża wkoll taħt l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65.

Imbagħad, mix-xhieda ta' Karen Cremona, in rappreżentanza tal-Awtorita' ta' Malta dwar it-Transport[14], ġie stabbilit illi effettivament, l-imputat Kurt Zammit qatt ma kellu l-ebda liċenza tas-sewqan maħruġ f'ismu tant illi lanqas mhu imdaħħal fis-sistema tal-Awtorita'. Għalhekk jirriżulta mingħajr ekwivoku li l-imputat, fl-20 ta' Lulju 2020 meta ġie interċettat mill-Pulizija qed isuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DEM-329, kien qed isuq mingħajr liċenzja tas-sewqan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65.

Din il-prova tfisser ukoll, għall-Qorti, li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tressaq il-prova meħtieġa għal sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, addebitat fit-tmien imputazzjoni. Dan qed jingħad għaliex l-Artiklu 3(1A) tal-istess Kap. 104 jixħet l-oneru tal-prova li kien hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terza persuna għall-użu tal-vettura mill-imputat, fuq l-istess imputat:-

"*Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reattaħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikattal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)*".

[14] Xhieda tal-20 ta' Jannar 2021 u Dok. KC1.

Il-Qorti tal-Appell Kriminli f'sentenza mghotija f'l-4 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Apap**, qalet hekk fir-rigward ta' din il-presunzjoni maħluqa mill-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 104:

"*Ghar-rigward ta'l-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza ta'l-assikurazzjoni kontra riskji ta' terzi persuni, il-prova li l-imputat kien hekk kopert b'tali polza kienet tispetta lill-imputat ghat-tenur tal-artikolu 3(1A). Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinsjonijiet li saru ... fis-sentenzi ... Pulizija vs Charles Galea u ohrajn dwar meta tiskatta l-prezunzjoni fis-subartikolu 3(1A) talKapitolu 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 huwa car u inekwivoku fil-portata tieghu: il-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta ... min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4) tal-Kapitolu 104. Din id-dispozizzjoni ma thalli lok ghall-ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi htiega li jsir xi sforzi biex id-dispozizzjoni ta'l-artikolu 3(1A) tigi rikonciljata permezz ta' process ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni ta'l-artikolu 10(1) tal-istess Kapitolu 104 ghaliex iz-zewg dispozizzjonijiet jirregolaw sitwazzjonijiet differenti. L-artikolu 3(1A) jirregola x'jigri f'proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) mentri l-artikolu 10(1) ta'l-istess Kapitolu jirregola r-rizarciment mill-assikurazzjoni ghal xi responsabbilta ghal dejn civili li ghandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm fl-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 104 il-pozizzjoni li hemm f'l-artikolu 3(1A) tibqa mhux mittiefsa u cioe li fil-proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 kemm il-darba l-imputat ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4) jigi prezunt li ma kienx hemm polza ta' assigurazzjoni fis-sehh skond kif mehtieg fl-artikolu 3(1) imsemmi.*"

Illi din il-Qorti tabbraċċja dan l-insenjament u hija tal-fehma li għandha tissottolinea ukoll li dak li huwa projbit permezz tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 m'huwiex sewqan ta' vettura li ma tkunx koperta b'polza ta' assikurazzjoni, imma sewqan ta' vettura minn persuna kemm il-darba għall-uzu minn dik il-persuna ma jkunx hemm fis-seħħ polza ta' assikurazzjoni.

Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-imputat ma ressaq l-ebda prova kwalsiasi fir-rigward: min-naħa l-oħra l-Prosekuzzjoni ġabet prova li l-imputat ma kellux licenzja ta' sewqan kwalsiasi u għall-Qorti dan ifisser li ma setax kien hemm fis-seħħ għall-użu tiegħu fuq kwalsiasi vettura, polza ta' assigurazzjoni kontra r-riskji għal terzi persuni fl-20 ta' Lulju 2020.

Madanakollu, il-Qorti ma tqisx li tista' ssib ħtija fl-imputat għar-reat addebitat fid-disa' u l-aħħar imputazzjoni taħt ir-regolament 127 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11[15] (Avviz Legali 128 tal-1994). Dan jipprovdi:

> *(1) Ebda vettura bil-mutur ma għandha teċċedi l-limitu ta' veloċità kif muri fit-tabella ta' hawn taħt.*

Il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova la dwar il-limitu tal-veloċita' applikabbli fiż-żona fejn l-imputat allegatament saq b'eċċess ta' veloċita' u lanqas dwar il-klassi tal-vettura li kienet qed tinstaq. Għalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. Ibda biex l-imputat kellu biss tmintax-il sena meta wettaq dan ir-reat u kellu fedina penali kompletament netta. Ikkoopera wkoll bis-sħiħ waqt l-interrogazzjoni u ammetta l-ħtija tiegħu minnufih.

Madanakollu, ir-reati li qed jinstab ħati tagħhom illum huma reati ferm gravi għaliex effettivament l-imputat wettaq *hold-up* bl-użu ta' arma, seraq u ħassar ħwejjeġ ħaddieħor fost reati oħrajn.

---

[15] Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur.

L-Uffiċjal tal-Probation li ġiet maħtura biex issegwi lill-imputat taħt Ordni ta' Superviżjoni Provviżorju xehdet[16] illi l-imputat beda jabbuża mid-droga meta kellu biss erbatax-il sena u mill-użu tal-kannabis, mexa għall-eroina u l-kokaina kif ukoll droga sintetika. Jirriżulta li l-imputat għandu wkoll il-kundizzjoni tal-ADHD liema kundizzjoni ma kienx qed jieħu trattament biex jikkuraha u kien dar għad-droga sintetika minħabba t-trawma li għadda minnha meta ħuh miet traġikament ftit tas-snin qabel. Mill-informazzjoni li ġabret l-Uffiċjal tal-Probation, ma jirriżultax li l-imputat qatt irkorra għall-għajnuna biex jegħleb il-vizzju tal-użu tad-droga u kellu adoloxxenza pjuttost turbolenti.

Il-Qorti fehmet illi huwa l-użu tad-droga sintetika li kkatapulta lill-imputat f'attivita' kriminali u dan biex ikollu flus biex jixtri din id-droga u jmantni dan il-vizzju ikrah. Għalkemm ma jirriżultax li l-imputat qatt involva ruħu qabel f'xi attivita' kriminali, huwa stabbilit li l-mewt ta' ħuh weġġgħetu b'mod li minflok ma fittex l-għajnuna psikoloġika u psikjatrika li kellu bżonn - anke biex ikompli jindirizza l-kundizzjoni tal-ADHD – fittex l-użu tad-droga. Il-Qorti hija konvinta illi l-imputat għandu bżonn jindirizza diversi problemi f'ħajtu li ġew identifikati mil-Uffiċjali tal-Probation u dan mhux biss biex iżomm 'il bogħod mill-użu tad-droga u l-ħajja ta' kriminalita', iżda wkoll biex isaħħaħ il-kwalitijiet tajbin kif ukoll ir-relazzjonijiet pożittivi li jidher li għandu f'ħajtu. Jirriżulta li l-imputat jaħdem regolarment u bit-trobbija tajba li kellu, il-Qorti temmen li huwa kapaċi jirriforma ruħu bis-sħiħ anke għaliex jirriżulta li huwa konxju tal-ħsara li għamel bil-kommissjoni ta' dawn ir-reati u esprima sogħba kif ukoll ir-rieda li jikkumpensa lill-vittma.

Dan kollu premess, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat huwa kandidat idoneu għal sanzjoni fil-komunita', senjatament minħabba l-eta' żgħira tiegħu, il-fatt jidher li għandu l-appoġġ tal-familja u jidher ukoll li huwa bniedem kapaċi li jinqala' għax-xogħol u sejra takkordalu l-opportunita' li jibbenefika mill-għajnuna li jidher li hija kruċjali għar-rijabilitazzjoni tiegħu. L-imputat għandu jkun jaf illi l-piena fil-*minimum* fuq dikjarazzjoni ta' ħtija għall-ewwel akkuża biss, mingħajr qies tal-piena

[16] Ara xhieda tal-20 ta' Jannar 2021 u 29 ta' Settembru 2021.

għad-delitti l-oħra li qed jinstab ħati tagħhom, hija ta' sentejn priġunerija: dan qed jingħad biex tiġi sottolinejata l-importanza li huwa jagħraf il-bżonn ta' riforma u l-ħtieġa li jkollu sorveljanza konsistenti minn persuni kwalifikati biex ir-rjiabilitazzjoni tiegħu tkun waħda effettiva u l-ħtieġa li jingħata l-għajnuna professjonali li huwa meħtieġ biex l-imputat jissorvola l-problemi psikoloġiċi u emottivi li jista' jkollu.

Peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħatja minn Uffiċjal tal-Probation tkun mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tagħha u anke li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li tista' tagħmel u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, sejra tqiegħda taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien massimu li tippermetti l-liġi.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni u tad-disa' imputazzjonijiet u tilliberah minnhom u filwaqt li in kwantu għall-ewwel imputazzjoni ma ssibx li s-serq huwa aggravat bil-kwalifika tal-lok, wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 261(a)(b)(ċ), 262, 263, 267, 276, 277(b), 279(a), 325(1)(b) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil KURT ZAMMIT ħati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tlett (3) snin mil-lum u dan taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation mogħtija kontestwalment u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u semgħet ukoll lill-ħati jesprimi r-rieda tiegħu li jikkonforma ruħu mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta' *Probation*.**

**Għall-fini tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiskwalifika lill-ħati, KURT ZAMMIT, milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**Għall-fini tal-Artikolu 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lil KURT ZAMMIT multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), pagabbli sa mhux iktar tard minn tmintax (18)-il xahar mil-lum.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna lill-ħati KURT ZAMMIT iħallas lil Joseph Galea s-somma ta' tliet mitt Euro (€300) in linea ta' sehmu mill-kumpens dovut għas-serq ta' ħwejġu.**

**Għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati KURT ZAMMIT sabiex jingħata t-trattament meħtieġ biex jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga kif ukoll it-trattament meħtieġ għall-kundizzjoni Attention Defecit Hyperactive Disorder (ADHD) u dan għal perijodu ta' tliet (3) snin, taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artiklu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tordna wkoll il-konfiska tal-corpus delicti, ċioe' l-pistola "BB gun" esebita fl-atti bħala Dok. G9 (Numru tal-Esebit KA 225/2020).**

**Billi ma jirriżultax li gew maħtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tiċħad it-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza kif ukoll l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tal-ħati, jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole.**

**DR RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**